MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 40/2003

Kawza fil-lista: 30

**A B f' isimha proprju**
**u f' isem l-ulied minuri C u D B**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi fit-tmienja u ghoxin (28) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) gie celebrat iz-zwieg bejn A nee Sammut u E B, f' Melbourne, l-Awstralja, u dan skond certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Peress illi minn dan iz-zwieg il-konjugi B kellhom zewgt itfal, u cioe’ C li twieldet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u disgha u tmenin (1989) u D li twieled nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990), u allura it-tnejn minorenni;

Peress illi l-konvenut rrenda ruhu hati ta’ mohqrija, ingurji gravi u abbandun fil-konfront ta’ martu l-attrici u ta’ uliedhom minuri;

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment u dan primarjament minhabba inkompatibilita’ tal-karattru taghhom;

Peress illi l-kontendenti ma ghandhomx dar matrimonjali taghhom;

Peress illi d-digriet numru 1212/2001 datat ghoxrin (20) ta’ Awissu 2001, is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici A B tipprocedi bil-kawza tas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha, kopja ta’ liema qieghda tigi annessa u mmarkata Dok. B, liema digriet gie prorogat permezz ta’ digriet bin-numru 1815/2002 datat wiehed u ghoxrin (21) ta’ Ottubru 2002, kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba mohqrija, ingurji gravi u abbandun da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici tant illi l-hajja matrimonjali giet reza impossibli;

2. Tafda lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-minuri C u D, salv access tal-konvenut, taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghalija u ghall-minuri, dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-ligi taht dawk il-modalitajiet tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, u tnaqqis

mill-paga tal-konvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri;

4. Jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida il-beni in komunjoni bejniethom u sussegwentement tassenja parti wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u dan mhux necessarjament fi kwoti ugwali bejniethom, okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa

1. Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, l-esponenti jikkonferma li z-zwieg tkisser irrimedjabilment pero' kuntrarju ghal dak li qed jigi sottomess mill-attrici, dan gara minhabba ragunijiet serji imputabbli lill-attrici stess, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

2. Illi rigward it-tieni talba attrici, l-esponenti jikkontendi li l-kura u l-kustodja tat-tfal minorenni ghandha tigi fdata f' idejn il-kontendenti flimkien, u ghalhekk ukoll, it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

3. In kwantu ghat-tielet talba attrici, l-esponenti jikkontendi li huwa ma ghandux jigi kkundannat ihallas alimenti lill-attrici minhabba ragunijiet li z-zwieg tkisser proprju minhabba ragunijiet imputabbli lilha stess u ghalhekk f' dan il-kuntest ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici; in kwantu alimenti ghat-tfal, l-esponenti gja

qed jipprovdi ghalihom regolarment u konformi mad-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

4. In kwantu ghar-raba' talba, id-disposizzjonijiet imsemmija mill-istess attrici ghandhom jigu applikati kontra l-istess attrici skond kif jidrilha xieraq u gust dina l-istess Onorabbli Qorti u ghal din ir-raguni ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

5. Illi in kwantu l-hames talba attrici, l-esponenti ma ghandux kontestazzjoni izda jikkontendi li ghandha tigi likwidata tenendo kont il-htija tat-tkissir taz-zwieg huwa imputabbli lill-istess attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li tigi pronunzjata gudizzjarjament is-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli lil dan u bazati fuq id-disposti ta' l-Artikoli 40 u 41 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Il-konvenut minn naha tieghu rreagixxa billi, filwaqt li jaqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment, jeccepixxi li ghal dan tahti biss l-attrici; u ukoll cahad l-imputazzjonijiet maghmula minnha fil-konfront tieghu.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-Awstralja fit-28 ta' Frar 1987 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt it-tfal, C li llum hija maggjorenni, u D li ghandu sbatax il-sena. Illi il-partijiet damu jghixu l-Awstralja sat-2 ta' Dicembru 1999; u sa dan iz-zmien ma jidhirx li kien hemm xi problemi matrimonjali serji. It-tnejn li huma kienu jahdmu hafna, kienu xtraw proprjeta' u kienu jahdmu sighat twal sabiex ihallsu d-dejn fuqha. Wara li kien ilhom zmien jghixu l-Awstralja, l-attrici bdiet ihossa ma tiflahx, bir-rizultat li eventwalment l-konjugi B iddecidew li jhallu l-Awstralja u

jigi jghixu Malta.  Mill-provi rrizulta car li l-konvenut kien kontra din id-decizjoni, u kien ikkonsentixxa li jitlaq mill-Awstralja unikament minhabba l-attrici.

Illi meta l-partijiet gew lura Malta huma marru joqghodu ghand omm l-attrici. Il-konvenut kien imdejjaq b’ din is-sitwazzjoni, kemm ghax kellu jitlaq mill-Awstralja kif ukoll ghax kellu jghix f’ dar haddiehor, albeit mal-familjari ta’ martu. Din is-sitwazzjoni affettwat ir-relazzjoni matrimonjali ta’ bejn il-koppja, b’ mod li tat lok ghal hafna dizgwid u inkwiet bejniethom li pprecipita s-separazzjoni de facto bejniethom billi l-konvenut eventwalment kellu jitlaq minn hemm filwaqt li l-attrici baqghet tghix ma’ ommha.

Matul il-konvivenza tal-konjugi f’ Malta, il-koppja esperjenzjat diminuzzjoni kbira ta’ affezzjoni bejniethom sa tal grad li nqatlet ghal kollox, u minflok dahlet il-bruda u l-egoizmu bejniethom bil-konsegwenza li t-tnejn reciprokament rabbew sfiducja kbira fil-konfront ta’ xuxlin partikolarment fejn jidhlu l-flus. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-flus kien is-suggett principali li fuqhom kienu jiggieldu l-partijiet, u li baqghu jiggieldu fuqhom anke matul il-proceduri odjerni, b’ mod li, filwaqt li fil-mori tal-kawza kwazi ftehmu fuq kollox, il-posizzjoni tad-depoziti bankarji u tal-flus baqghet pendenti ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti.

Il-Qorti tosserva li l-mankanza manifesta ta’ affezzjoni da parti tal-partijiet fil-konfront ta’ xulxin, u l-ostilita’ akuta manifestata minnhom reciprokament b’ komportament offensiv, jikkostitwixxu sevizzi u ngurji gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16

Illi in propositu ghar-responsabbilta’ tas-separazzjoni, il-Qorti wara ezami rett tal-provi hija tal-fehema li, ghalkemm jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment bil-konvivenza reza mpossibbli, dan ma jistax jigi attribwit biss lil konvenut biss. Il-Qorti thoss li l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu kien rizultat tas-sitwazzjoni li kien fiha meta, dana kontra qalbu gie lura Malta, u di piu’ accetta li jghix fid-dar ta’ omm l-

attrici. Jidher li l-attrici ma kienitx sensittiva ghad-dwejjaq li kellu l-konvenut minhabba din is-sitwazzjoni, anzi jidher li hi haditha kontra tieghu, bir-rizultat li l-inwkiet matrimonjali kiber. Ghaldaqstant il-Qorti thoss li r-raguni tat-tkissir ta' dan iz-zwieg hija attribwibbli liz-zewg partijiet.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi jirrizulta li l-partijet izzewwgu fl-Awstralja fit-28 ta' Frar 1987, u rritornaw Malta bi skop li jibqghu jghixu hawn, fit-2 ta' Dicembru 1999. Ghalhekk, skond l-Artikolu 1361[2] tal-Kap.16, ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom gie fis-sehh minn din l-ahhar data.

Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fi proprjeta' mobiljarja u flus f' forma ta' depoziti bankarji u titoli u investimenti esteri kif jirrizulta minn nota prezentata mill-attrici fid-29 ta' Awissu 2005 u esebita fols.353 sa 356 tal-process u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjerna bhala Dok.A.

Illi permezz ta' nota kongunta tal-partijiet prezentata fl-24 ta' Gunju 2005 u esebita a fols.351 u 352 tal-process, il-partijiet lahqu ftehim dwar l-oggetti mobbli inkluza l-vettura tal-marka Subaru numru HAS 705. Kopja ta' dan il-ftehim qed jigi anness mal-gudizzju odjerna b' mod li tifforma parti ntegrali mill-istess, u qed tigi markata Dok.B.
Illi b' nota kongunta prezentata mill-partijiet fl-20 ta' Mejju 2005, il-partijiet informaw il-Qorti li l-pendenza li fadal bejn il-partijiet f' dan ir-rigward tikkoncerana l-kontijiet bankarji u flejjes ohra.

Illi din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, partikolarment tal-fatt li z-zewg partijiet hadmu hafna matul iz-zwieg taghhom, tikkonsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni:

[1] Illi l-kontijiet bankarji u flus kollha li jinsabu elenkati fid-Dok.A mill-partita [a] sal-partita [c] <u>inkluza</u>, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

Illi rigward il-kontijiet bankarji fil-Bank of Valletta f' isem l-attrici, indikati fil-partiti [d][i],[ii] u [iii] mill-attrici fid-dok.A, il-

Qorti tirrileva li mill-provi jirrizulta li l-kont numru 16304277015, li ghadu miftuh, kien infetah fit-18 ta' Awissu 1989[1] u fis-19 ta' Awissu 1998 kellu bilanc ta' Lm777.48; filwaqt li l-kont 1633776052, kien infetah fil-11 ta' Novembru 1991[2] u f' Dicembru tas-sena 1999 kellu bilanc ta' Lm1,087.47. Il-kont 16304012050 kien infetah fit-13 ta' Gunju 2000[3] bis-somma ta' Lm5,500 izda kif spjegat l-attrici dawn il-flus ngibdu mill-kont 16304012018 li kien infetah fit-8 ta' Frar 1991 u li sat-30 ta' Dicembru 1999 kellu fih is-somma ta' Lm5,588.75.

Ghaldaqstant, fir-rigward ta' dawn it-tlett kontijiet li baqghu jigi operati anke wara li l-partijiet gew lura Malta, il-Qorti tordna li l-ammonti fuq indikati ta' Lm777.48, Lm1,087.47 u Lm5,588.75 ghandhom jigu prelevati mill-kontijiet rispettivi u jigu assenjati lill-attrici bhala proprjeta' parafernali taghha, filwaqt li l-bilanc ghandu jitqies bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u jigi spartit bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

In propositu jigi rilevat li, ghalkemm il-konvenut sostna li d-deposiziti bankarja elenkati fil-partita [c][iv][v][vii][vii] huma proprjeta' parafernali tieghu, huwa ma gabx provi sodisfacenti in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Jigi rilevat ukoll li mix-xhieda u dokumenti esebiti, jirrizulta li dawn il-kontijiet infethu wara li l-koppja rritornat Malta u ghalhekk huma koperit mill-presunzjoni legali.

Illi rigward is-somma ta' AUD 15,000 indikata fid-dok.A that il-partita [iii] tat-tieni paragrafu tal-partita [c], pretisa mill-attrici bhala rapprezentanti marriage gratuity li hi kienet ippercepiet fl-Awstralja u li kienet nefqet fiz-zwieg, il-Qorti tirrileva li din l-allegazzjoni ma gietx sostnuta mill-provi, u ghalhekk din il-pretensjoni ma tistax tigi akkolta.

[2] Illi qabel ma jinqassmu l-imsemmija sommom, ghandhom jigu prelevati l-ammonti ta' Lm800

[1] fol.276
[2] fol.128
[3] [3] Li jinsab elenkat fid-Dok.A that il-partita [d][i] – fol.355. Mill-provi jirrizulta li dan il-kont infetah fit-13 ta' Gunju 2000 [dep.Paul Gambina fol.106]

rapprezentanti l-valur tas-Subaru, u Lm450 rapprezentanti nofs is-somma ta’ Lm850 migbuda mill-konvenut minn kont bankarju kongunt, kif indikat fid-Dok.A, tieni paragrafu tal-partita [c] that il-partiti [i] u [ii], u ghandhom jigu mghddija lill-attrici bhala krediti taghha versu l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li gew sodisfacentmenet provati minnha.

Illi rigward in-nota prezentata mill-konvenut fl-20 ta’ Settembru 2005 esebita a fols.357 sa 359 tal-process, il-Qorti tirrileva li, ghalkemm l-konvenut ippretenda diversi somom ta’ flus li kienu proprjeta’ parafernali tieghu, huwa ma gabx provi in sostenn ta’ din l-allegazzjoni.

In propositu l-Qorti osserva li, ghalkemm huwa probabbli li z-zewg partijiet kollhom ammonti ta’ flus parafernali qabel ma’ zzewwgu, stante li t-tnejn kienu gja jahdmu f’ dak iz-zmien, mill-banda l-ohra, anke f’ dan ir-rigward japplika, f’ materja ta’ prova, il-principju li l-oneru tal-prova tal-fatt allegat jirrisjedi fuq min jallega l-istess fatt. F’ dan il-kaz, ghajr ghall-kontijiet fuq indikati, ma ngabux provi sodisfacenti dwar l-ammonti ta’ flus li l-partijiet allegatament gabu maghhom fiz-zwieg, u ghalhekk, in mankanza ta’ tali prova, din il-Qorti ma tistax taccetta dawn il-pretensjonijiet bazati fuq mera allegazzjoni, multo magis meta l-ammont pretizi huma sostanzjali. Dan japplika wkoll ghas-salib ta’ Malta tad-deheb pretiz mill-konvenut fin-nota tieghu presentata fl-10 ta’ Novembru 2006.

Inoltre, jigi osservat li ghalkemm ir-regim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti gie fis-sehh meta l-koppja gew lura Malta, mill-provi jirrizulta li meta dawn kienu jghixu l-Awstralija jidher li l-introiti rispettivi taghhom kienu jitqies bhala fond wiehed u kienu jintuzaw ghal gid komuni tal-familja. Fi kliem iehor kienu jigu amministrati bhala fondi komuni biex, apparti mill-impieg taghhom ghal-ghixien tal-familja, dawn il-flus kienu jintuzaw sabiex jixtru l-proprjeta’ fl-Awstralja u jhallsu d-dejn rispettiv. Fid-deposizzjoni taghha l-attrici tghid: “Rigward l-amministrazzjoni tal-flus ahna dak li naqla’ jiena u dak li jaqla hu konna kollha

nitfawh flimkien u konna namministraw kollox flimkien."[4] Ghalhekk anke f' dan iz-zmien, fuq parti mill-assi taghhom kien hemm ftehim ta' gestjoni komuni.

**Manteniment**

Illi li l-attrici tahdem f' impieg regolari u minn nota taghha jidher li l-pretensjoni taghha hija limitata ghar-retta alimentarja ta' Lm200 kull erba gimghat ghaz-zewg uliehdom, liema somma tibqa' tithallas sakemm dawn jispiccaw l-istudji taghhom f' livell terzjarju jekk ikun il-kaz.

In propositu jigi osservat, li l-obbligu tal-manteniment ghall-ulied ma jistax jissussiti wara li dawn jghalqu t-tmientax il-sena, jekk mhux bi ftehim bejn il-partijiet, jew ahjar bejn il-genitur u l-wild koncerncat. Ghalhekk il-pretensjoni attrici, bhala wahda mandatorja, hija valida biss sakemm l-ulied isiru maggjorenni. Fil-kaz odjern it-tifla C llum hija maggjorenni, filwaqt li t-tifel D illum ghandu 16 il-sena; u ghalhekk il-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' dan il-minuri s-somma ta' Lm100 kull erba gimghat, liema somm tinkludi spejjez ta' edukazzjoni u dawk medici li ma jkunux ta' natura straordinarja.

**Kura u kustodja**

Illum dan il-kap huwa relevanti biss fir-rigward tat-tifel D li ghandu 16 il-sena, stante li C llum hija maggjorenni ghalkemm ghadha tghix fid-dar ta' ommha flimkien ma' huha. Fic-cirkostanzi, jkun fl-interess tal-minuri D li dana jibqa' jghix ma' ommu flimkien ma' ohtu, bid-dritt ta' access liberu ghal missier, liema access ghandu jigi mifthiehm bejnu u bejn missieru, tenut kont l-eta' tal-minuri u l-grad ta' matruita' li l-eta' tieghu normalment iggib maghha. Il-kura u kustodja ta' l-istess minuri ghandha tigi affdata lill-attrici; izda decizjonijiet ta' natura straordinarja li jirrigwardaw is-sahha ta' l-istess minuri ghandhom jittiehdu flimkien.

**Decide**

[4] fol.265

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-konvivenza bejn il-koppja giet reza impossibbli kagun tal-komportament taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin;

[2] tafda l-kura u kustojda tal-minuri D lill-attrici bid-dritt ta' access liberu ghall-missier, liema access ghandhom jigi mifthiem bejn il-missier u l-istess minuri; izda decizjoni ta' natura straordinarja rigwardanti s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament;

[3] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' mitt lira maltin [Lm100] kull erba gimghat bhala manteniment ghal minuri D sakemm dan jghalaq it-tmientax il-sena, liema somma ghandha tinkludi l-ispejjes relatati ma' l-edukazzjoni tieghu, u mas-sahha tal-minuri;

[4] tichad ir-raba talba;

[5] tilqa' l-hames talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tassenja l-istess lill-partijiet bil-mod segwenti:

[I] Illi l-kontijiet bankarji u flus kollha li jinsabu elenkati fid-Dok.A mill-partita [a] sal-partita [c] <u>inkluza</u>, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

Illi rigward il-kontijiet bankarji fil-Bank of Valletta f' isem l-attrici, indikati fil-partiti [d][i],[ii] u [iii] mill-attrici fid-dok.A, u li baqghu jigu operati anke wara li l-partijiet gew lura Malta, il-Qorti tordna li l-ammonti fuq indikati ta' Lm777.48, Lm1,087.47 u Lm5,588.75 ghandhom jigu prelevati mill-kontijiet rispettivi u jigu assenjati lill-attrici bhala proprjeta' parafernali taghha, filwaqt li l-bilanc ghandu jitqies bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u jigi spartit bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

[II] Illi qabel ma jinqassmu l-imsemmija sommom, ghandhom jigu prelevati l-ammonti ta' Lm800 rapprezentanti l-valur tas-Subaru, u Lm450 rapprezentanti

nofs is-somma ta’ Lm850 migbuda mill-konvenut minn kont bankarju kongunt, kif indikat fid-Dok.A, tieni paragrafu tal-partita [c] that il-partiti [i] u [ii], u ghandhom jigu mghddija lill-attrici bhala krediti taghha versu l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

[III] Illi l-kumplament ta’ l-oggetti mobbli ghandhom jinqassum skond il-ftehim milqugh bejn il-partijiet; u li kopja tieghu tinsab annessa bhala dok.B mal-gudizzju odjern;

L-ispejjez ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------